# Beati u Qaddisin...Gunju

**SANTA MARGERITA BAYS**
**27 TA' GUNJU**




Twieldet fit 8 ta' Settembru 1815 gewwa La Pierraz di Siviriez fi Friburgo gewwa l-Isvizzera. Ta 8 snin irceviet il-Grizma u ta' 11 il-sena ghamlet l-Ewwel Tqarbina. Meta kellha 15 il-sena ghamlet kors ta' apprendist ghall-hajjata, xoghol li baqghet tezercita hajjitha kollha.

Warrbet l-ideja li tikkonsagra ruhha bhala religjuza ghax ippreferit li tibqa' xebba biex tiddedika ruhha ghall-familja u ghall-parrocca. Fis-sena 1860 huha Claudio li kien imexxi l-azjenda agrikola tal-familja

izzewweg lil wahda li kienet domestika fil-familja, jisimha Josette, li xejn ma kienet iggib lil Margerita. Bil-maqlub, Margerita kompliet taqdi lill-familja taghha u tissaporti l-insulti tal-mara ta' huha. Din l-imgieba fl-ahhar kellha rizultat posittiv: il-mara ta' huha fehmet li l-imgieba taghha kienet hazina u skorretta u rrikonoxxiet l-izbalji taghha. Veru l-kaz ta' bil-gid irbah id-deni.

Ghal Margerita l-mument l-aktar importanti tal-jum kienet il-quddiesa li qatt ma falliet li tattendi ghaliha. Il-jum tal-Hadd kienet tkompli tqaddsu billi tqatta hin f'adorazzjoni quddiem Gesu', li taghmel il-Via Sagra u tirrecita r-Ruzarju.

B'zelu kbir kienet tghallem r-religjon kemm lit-tfal u anke lit-tfajliet billi thejjihom halli jsiru nisa li jhobbu lil zwieghom u jkunu ommijiet tajba.

Ta' 35 sena, fis-sena 1853 kienet operata minhabba f'kanru f'imsarinaha. Hija talbet li Vergni Mbierka li jew tfejjaqha jew thalliha tbati biex tkun tista' tiehu sehem fit-tbatija ta' Kristu Gesu'.

It-talb taghha nstema, ghaliex fil-jum li l-Papa Piju IX habbar d-domma ta' l-Immakulata, jigifieri fit-8

ta' Dicembru 1854, il-hajja ta' Margerita nghaqdet fis-sofferenzi ma' Gesu'.

Fuq gisimha dehru l-hames pjagi u kull Gimgha fit-3.00pm u ghall Gimgha Mqaddsa kollha, Margerita kienet tghaddi mis-sofferenzi li ghaddha minnhom Gesu' mill-Gnien tal-Getsemani sal-Kalvarju.

Hija mietet fil-festa tal-Qalb ta' Gesu', fis-27 ta' Gunju 1879 kif xtaqet hi. Giet beatifikata fid-29 ta' Ottubru 1995.